MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 761/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Josef Gatt;**
**Blanche Gatt;**
**Adrian Gatt; u**
**Rita Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c., fejn wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija kuntratt datat 13 ta' Lulju 2001, in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion (Dok. 'A'), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Josef Gatt;

Is-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Josef Gatt fis-somma ta' tnax-il elf, mitejn u sebgha u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€12,247.32) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Josef Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Lulju 2001 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion (Dok. 'A'), il-konvenuti Blanche Gatt, Adrian Gatt u Rita Micallef, iggarantew flimkien u "in solidum" ma' Josef Gatt, sal-valur ta' sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12), a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Josef Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebiti bhala Dokument 'A') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josef Gatt, Blanche Gatt, Adrian Gatt u Rita Micallef;

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Josef Gatt, Blanche Gatt, Adrian Gatt u Rita Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali, tnejn minnhom datati 5 ta' Mejju 2010, ohra datata 28 ta' Lulju 2010 u l-ohra datata 25 ta' Awwissu 2010, li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "C", "D", "E" u "F", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebiti bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Josef Gatt, Blanche Gatt, Adrian Gatt u Rita Micallef (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Josef Gatt, Blanche Gatt, Adrian Gatt u Rita Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

Tikkundanna lil Josef Gatt ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnax-il elf, mitejn u sebgha u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€12,247.32) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Account*” ta’ Josef Gatt (Dok. “B1 sa B2”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Tikkundanna lil Blanche Gatt, Adrian Gatt u Rita Micallef ihallsu flimkien u “in solidum” bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, disa’ mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-“*Loan Account*” ta’ Josef Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B2”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 5 ta’ Mejju 2010, 28 ta’ Lulju 2010 u 25 ta’ Awwissu 2010 kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li l-intimati Josef Gatt u Blanche Gatt, ghalkemm debitament notifikati, ghazlu li ma jwegbux ghall kawza.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Adrian Gatt u Rita Micallef, li in forza taghha eccepew illi:

It-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-esponent ghandhom jigu michuda stante li ai termini tal-Artikolu 1959 tal-Kodici Civili huma ghandhom jigu mehlusa mill-garanziji minnhom moghtija billi s-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileggi tas-socjeta' attrici fil-konfront ta' Josef Gatt ma tistax issir a favur taghhom bi htija tal-istess socjeta' attrici;

Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2012, fejn l-intimati kontumaci nghataw il-fakulta' li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, pero' lanqas dan ma sar.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, il-Bank rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lil Josef Gatt ihallas somma li taghha l-bank isostni l-istess Josef Gatt hu debitur. Il-Bank rikorrenti qed jitlob ukoll lill-Qorti tikkundanna lill-intimati l-ohra jhallsu l-ammont mill-istess dejn li taghhom huma garanti "in solidum".

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa id-dokumenti esibiti mill-Bank u tqis li l-Bank irnexxielu jipprova li l-ammont huwa dovut kif fil-fatt isostni l-istess Bank.

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet miz-zewg intimati li rrispondew ghall-kawza, din il-Qorti tqis li dawn ma jiswewx. Kif jikkonfermaw fix-xhieda taghhom iz-zewg intimati li pprovdew il-garanzija, huma kienu ben konxji tar-responsabilitajiet li dahlu ghalihom. Ma jistghux issa jezimu ruhhom minnhom billi jsostnu li huhom kien jigdeb

meta jghidilhom li l-pagamenti qed isiru regolarment. Kien fl-interess taghhom li jsegwu x'kien qed jigri u mhux l-obbligu tal-Bank li jinfurmahom.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' Adrian Gatt u Rita Micallef u fil-kontumacja tal-intimati l-ohra Josef Gatt u Blanche Gatt, tilqa' l-ewwel talba tal-Bank of Valletta p.l.c.; tilqa' t-tieni talba kif dedotta; tilqa' wkoll it-tielet talba kif dedotta, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Josef Gatt, Blanche Gatt, Adrian Gatt u Rita Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------